# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 54**

**Rikors numru 645/21/1**

**(1) Jean Noel Ambeau Yapi, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-001,**

**(2) Frank Kouadioane, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-008,**

**(3) Dramane Diarrasouba, mill-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-0018,**

**(4) Seydou Sangare, mill-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-019,**

**(5) Osman Jalla, mill-Gambja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-0020,**

**(6) Sahib Jalloh Athaj, mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazjoni 20Z-021,**

**(7) Sulaiman Kamara mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-024,**

**(8) Shenu Kamara, mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-025,**

**(9) Alpha Maju Sessay, mis-Sjerra Leone, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-028,**

**(10) Henry Michael, min-Niġerja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-029,**

**(11) Kacou Francois Kanga, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-044,**

**(12) Diagabate Boubakary, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z- 045,**

**(13) Djabi Tourou, mill-Mali, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-047,**

**(14) Banga Alloh Banbaq Wilfred Nathan, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-051,**

**(15) Emon Hassab, mill-Bangladexx, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-104,**

**(16) Diarrassouba Mohamed Youssef, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-179,**

**(17) Naby Keita, mill-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-188,**

**(18) Ahmed Kouloubily, mill-Liberja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-189,**

**(19) Mohammed Condé, mill-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-190,**

**(20) Gordwin Ifi, min-Niġerja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-215,**

**(21) Fnebouri Tani, mill-Gineja, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-217,**

**(22) Nuradeen Nura, minn Niġerja bin-numru tal-Immigrazzjoni 20U-001,**

**L-Avukat Neil Falzon a nom u in rappreżentanza ta':**

**(22) Onel Zablabi, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z- 003 u b' Karta tal-Identità Spanjola bin-numru Y8493081-T, residenti Spanja,**

**(24) Aboubakar Diarrassouba, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-036 u b'Karta tal-Identità Spanjola bin-numru Y8492684-V, residenti Spanja,**

**(25) Diaby Ousmane, mill-Kosta tal-Avorju, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-169 u b'Karta tal-Identità Franċiża bin-numru 2503045495, residenti Franza,**

**L-Avukat Katrine Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta':**

**(26) Moussa Camara, mill-Mali, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20S-001, u b'Karta tal-Identità Franċiża bin-numru 2503045416, residenti Franza,**

**(27) Adel Abdul Aziz, mill-Ghana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-224, residenti l-Ghana,**

**(28) Godfed Anoah Ansa, mill-Ghana, bin-numru tal- Immigrazzjoni 20Z-226, residenti l-Ghana,**

**(29) Austin Agyei, mill-Ghana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-246, residenti l-Ghana,**

**(30) Philip Agyeman, mill-Ghana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-247, residenti l-Ghana,**

**(31) Daniel Ameywa, mill-Ghana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-248, residenti l-Ghana,**

**(32) Opoku Wilians, mill-Ghana, bin-numru tal-Immigrazzjoni 20Z-250 residenti l-Ghana,**

**v.**

**Il-Prim Ministru ta' Malta,**

**Il-Ministru għal-Intern, Is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, u l-Avukat tal-Istat**

1. L-atturi appellaw mid-digriet tal-Ewwel Qorti li bih ċaħdet it-talba li għamlu sabiex jissejjaħ fil-kawża s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta, ir-Riformi u l-Ugwaljanza (rikors tad-9 ta' Settembru 2022 a fol. 244). L-atturi talbu li dan l-uffiċjal jissejjaħ fil-kawża għaliex mill-provi li tressqu kien irriżulta li kien hu li ffirma l-kuntratti li bihom ġew nolleġġati l-bastimenti Europa II u Atlantis li *inter alia* ntużaw biex fuqhom tpoġġew l-immigranti (ara kopja tal-kuntratti EZ1 a fol. 194 u EZ2 a fol. 208).

2. Fir-rikors pormotur li bih fetħu l-kawża fit-8 ta' Ottubru 2021 l-atturi ilmentaw minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom garantiti bl-Artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni, 3 u 5 tal-Konvenzjoni u 1, 4, 6 u 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, meta tpoġġew u tħallew għall-perjodu fuq bastimenti. L-ilmenti jikkonċernaw *inter alia* detenzjoni illegali u nuqqasijiet li qalu li kien hemm fil-bastimenti.

3. Il-motivazzjoni fid-digriet impunjat kienet is-segwenti:

***"Konsiderazzjonijiet***

*Bir-rikors fuq imsemmi r-rikorrenti qiegħdin jitolbu li ai termini tal-artikoli 961 u 962 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jissejjaħ fil-Kawża s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta', ir-Riformi u l-Ugwaljanza'.*

*L-intimati qiegħdin jilqgħu għal din it-talba billi jargumentaw li skont artikolu 17(5) tal-Kap 595 tal-liġijiet ta' Malta r-rikorrenti kellhom mill-bidu jaġixxu kontra is-Segretarju Permanenti u dan kif jiddisponi dan l-artikolu li presubilment ir- referenza kellha tkun għall-artikolu 17(8) u mhux (5). Dan l-artikolu fil-fatt jiddisponi hekk:*

> *"Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rappeżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat."*

***Ikkunsidrat***

*Bħala fatt mill-atti jirrisulta li l-ewwel darba li saru jafu bis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru konċernat kien waqt is-smiegħ tal-provi. Fost oħrajn mix-xhieda ta' Edward Zammit Tabone u mid-dokument esebit minnu (a' fol 194) u dan anke kif jippremettu r-rikorrenti (a' fol 244).*

*Pero' l-kwistjoni kollha li għandha quddiemha din il-Qorti ma hux meta saru jafu, iżda jekk il-presenza tas-Segretarju Permanenti kienetx meħtieġa ab initio bħala ħtieġa proċedurali. L-argument tal-intimati huwa fis-sens li artikolu 17(8) tal-kap 595 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta speċifikament jiddisponi li s-Segretarju Permanenti huwa l-persuna r-rappeżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat.*

*L-importanza tas-Segretarju Permanenti saħansitra toħroġ mill-Kostituzzjoni tant li artikolu 91 jiddisponi li meta lil xi Ministru tkun ġiet mogħtija r- responsabbiltà għal xi dipartiment tal-gvern, huwa għandu jeżerċita direzzjoni ġenerali u kontroll fuq dak id-dipartiment u, bla ħsara għal dik id-direzzjoni u kontroll, id-dipartiment jista' jkun taħt is-sorveljanza ta' Segretarju Permanenti.*

*F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħidu dawn il-Qrati. Dawn josservaw li l-Art 181B tal-Kap 12 jittratta r-rappresentanza ġudizzjarja tal- Gvern. Dan l-artikolu kien miżjud bl-Att XXIV tal-1995. Din id-disposizzjoni ma tagħmel l-ebda distinzjoni dwar l-għamla ta' proċedura ġudizjarja li għaliha tirreferi. Li jfisser illi tkopri kawżi ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali (ara – **pg 64 ta` "Constitutional Procedure Relative to Fundamental Rights and Freedoms" – Giuseppe Mifsud Bonnici – 2004**).*

*Issa artikolu 181B. Jiddisponi li (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl- azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li*

*jkun inkarigat fil- materja in kwistjoni: Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l- artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill- Accountant Generali;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti. (Emfażi ta' din il-Qorti).*

***Fis-Sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2015 fl-ismijiet Emeritu Dr Joseph Said Pullicino fil-kwalità tiegħu ta' Ombudsman Parlamentari -vs- Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali et per Imħallef Lawrence Mintoff** ġie osservat is-segwenti: li l-imsemmi Artikolu 181B.(1) jagħmel riferiment għal kap ta' dipartiment u mhux għal Segretarju Permanenti fi ħdan Ministeru.*

*Għalhekk huwa importanti li dawn l-osservazzjonijiet xi ftit kontrastanti jkunu b'xi mod rikonċiljati, biex jingħata sens wieħed u konsistenti ma' dak li trid il-liġi. F'dan ir-rigward, jibda biex jingħad, li fil-waqt li artikolu 181B tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi dak li jingħad aktar 'l fuq, artikolu 17(8) tal-Kap 595 huwa aktar ċar u speċifiku u ċioe,.' li l-persuna li għandha r-rapresentanza tal- Ministeru konċernat huwa s-Segretarju Permanenti f'dak il-Ministeru, sakemm l-vertenza tkun tirrigwarda waħda li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat. Issa żgur huwa paċifiku bejn il-partijiet, li l-materja li għandha quddiemha din il-Qorti taqa' f'din il-firxa tal-Ministeru intimat, tant li l- kuntratt fuq imsemmi ġie ffirmat mis-Segretarju Permanenti ta' dak il-Ministeru u li dan il-Ministeru ġie ukoll indikat bħala intimat. Dan anke jemerġi minn mistoqsija Parlamentari (A'fol 19). Għalhekk huwa ċar ukoll, li li kieku hemm konflitt bejn il-liġi ġenerali (Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta) u dik speċjali (Kap 595 tal-liġijiet ta' Malta), tipprevali dik speċjali għaliex lexs pecialis deroga lex generalis.*

*Imma din il-Qorti lanqas ma tara li jesisti dan il-konflitt. L-artikolu 181B (1)(b) tal- Kap 12 jirrafigura l-ħtieġa tas-Segretarju Permanenti Ewlieni biss fil-każ "ta' kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni". (Emfażi tal-Qorti). Iġifieri terġa' u tgħid, lanqas mis-segretarju Permanenti fil-Ministeru u f'sens biss ta' meta l-Gvern ikun Attur u mhux konvenut.*

*Iżda finalment, dak li jiddisponu l-liġijiet fuq imsemmija huma fil-fatt rikonċiljabbli, għaliex artikoli 17(7) tal-kap 595 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2), is-Segretarju Permanenti għandu jitqies li jkollu s-setgħat ta' Kap*

*ta' dipartiment fir-rigward tal-Ministeru li għalih ikun assenjat is-Segretarju Permanenti". Dan ifisser, li bil- frażi Kap ta' Dipartiment taħt artikolu 181A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, bis- saħħa tal-artikolu 17(7) fuq imsemmi l-Kap tad-Dipartiment għandu jiftiehem li huwa s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru konċernat.*

*Dan iwassal lil din il-Qorti biex tifhem, li s-Segretarju Permanenti fi ħdan il- Ministeru huwa l-persuna li fost oħrajn kellha tkun indikata, anke jekk ma' oħrajn, mill-bidu nett tal-introduzzjoni tal-att jew skrittura. Ma hiex kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti sarux jafu biħ fil-perkors tas-smiegħ, għaliex din hija ħtieġa proċedurali aprioristika u konsonanti ma' dak li ġie mgħallem minn dawn il-Qrati (supra) dwar l-Istitut tal-kjamat in kawża, li kif rajna huwa applikabbli anke għal kawżi ta' indole Kostituzzjonali flimkien mat-tagħlim ġurisprudenzjali li dan l-Istitut iġib miegħu".*

4. L-atturi appellaw mid-digriet tas-16 ta' Jannar 2023 u ilmentaw li:

i. Kien biss wara li xehed Edward Zammit Tabona li ppreżenta kuntratti ta' noleġġ ta' bastimenti li saru jafu li s-Segretarju Permanenti kien involut fihom;

ii. Bid-deċiżjoni li tat l-Ewwel Qorti qisha addottat il-pożizzjoni li r-rikors promotur hu viżjat, minkejja li għadha ma ddeċiditx l-eċċezzjoni li l-konvenuti mhumiex il-leġittimi kontradittturi. Bid-deċiżjoni appellata, l-Ewwel Qorti qalet x'inhi l-pożizzjoni tagħha dwar ir-rikors promotur u dan mingħajr l-atturi ma ngħataw l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-istess. Dan apparti li ma jaqblux mal-fehma tal-Ewwel Qorti li s-Segretarju Permanenti kellu sa mill-bidunett jitħarrek fil-kawża.

5. Il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

Konsiderazzjoni.

6. Mill-provi rriżulta li s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta, ir-Riformi u l-Ugwaljanza kien iffirma kuntratti għan-nolleġġ ta' bastimenti li fuqhom tpoġġew l-immigranti (ara provi li tressqu fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022). Il-Qorti fehmet li kien dakinhar li l-atturi skoprew dak il-fatt.

7. M'hemmx dubju li s-Segretarju Permanenti ffirma dawk il-kuntratti fl-interess tal-Gvern Malti. Wieħed mill-ilmenti tal-atturi hu dwar il-kundizzjoni fuq il-bastimenti li fuqhom tpoġġew l-immigranti. Bastimenti li skont l-atturi ma kienx fihom biżżejjed faċilitajiet sanitarji, kienu mingħajr sodod, u ma kinux tajbin biex jintużaw fil-maltemp.

8. Hu għalhekk evidenti li s-Segretarju Permanenti għandu interess f'din il-kawża. L-Ewwel Qorti argumentat li kellu jitħarrek sa mill-bidunett tal-kawża minħabba dak li jiddisponu l-Art. 181B tal-Kap. 12 u Art. 17(7) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595). Il-konvenuti kollha taw l-eċċezzjoni li m'humiex il-leġittimi kontradittur. Eċċezzjoni li għadha *sub judice*.

9. Din il-Qorti hi tal-fehma li meta tqis iż-żieda konsiderevoli ta' kawżi kostituzzjonali li fihom l-ilment ikun kontra l-Gvern, wasal iż-żmien li f'kawżi ta' din ix-xorta ma jibqax jinħela żmien dwar min hu leġittimu kontradittur. Kull mhemm bżonn hi emenda fil-liġi li tkun tippermetti lill-attur li jiftaħ il-kawża direttament kontra l-Gvern jew alternattivament l-Avukat tal-Istat bħala l-konsulent legali prinċipali tal-Gvern. Wara kollox f'kawżi bħal dik tal-lum ikun qiegħed jiġi mistħarreġ l-aġir tal-Gvern.

10. Irrispettivament jekk is-Segretarju Permanenti kellux ikun parti fil-kawża sa mill-bidunett, jibqa' l-fatt li fil-kors tas-smigħ tal-provi irriżulta li kien direttament involut fin-noleġġ tal-bastimenti li ntużaw mill-Gvern biex fuqhom tpoġġew l-immigranti. Dak il-fatt waħdu jiġġustifika li jissejjaħ fil-kawża ġialadarba l-atturi jilmentaw li l-bastimenti ma kinux idoneji għall-iskop li għalih ġew nolleġġati. Dan apparti l-fatt li l-Art. 175 tal-Kap. 12 stess jipprospetta l-possibbilità li fuq talba ta' xi parti, il-Qorti tista' saħansitra tawtorizza tibdil fl-iskritturi li jinkludi tibdil fil-partijiet diment li dak it-tibdil ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża. M'hemmx dubju li ż-żieda tas-Segretarju Permanenti bl-ebda mod ma tvarja fis-sustanza l-azzjoni tal-atturi jew l-eċċezzjonijiet fil-meritu.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi u sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tħassar id-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Jannar 2023 u minflok

tilqa' t-talba tal-atturi magħmula bir-rikors tat-23 ta' Awwissu, 2022 u tordna li jissejjaħ fil-kawża s-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Intern, is-Sigurta', ir-Riformi u l-Ugwaljanza. L-atturi għandhom jieħdu ħsieb jinnotifikaw ir-rikors promotur lill-imsejjaħ fil-kawża.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuti.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da